# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-2 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015 fis-6:20 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**02/01 Talba**

**02/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.20 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**02/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 1**

**02/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**02/03 Punti mtella' mill-Minuti 1**

**02/03/01** Ma kien hemm ebda punti imtella.

**02/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**02/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**02/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**02/05/01** 18115025227828 Talba sabiex tehel bozza gdid fi Sqaq il-Ħofra. Ġie unanimament deċiż li tintalab stima minghand il-Contract Manager qabel niktbu lill-Enemalta ghall-permess.

**02/05/02** 18115046227870 Talba sabiex tinbidel bozza fi Triq Fidiel Zarb peress li dik ezistenti hi mkissra. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

**02/05/03** 18115021228145 Talba sabiex tinbidel mera fi Triq Sta Katerina k/m Triq tal-Ferha peress li dik ezistenti ma turiex ċar. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba

**02/05/04** 18115019228172 Talba sabiex il-Kunsill jaghmel il-*yellow line* fi Triq l-Oratorju kif kien diga gie approvat f'laqgha precedenti kif ukoll sabiex issir *junction box* fil-Pjazza quddiem il-Każin tal-Banda peress li qed isir ipparkjar abbusiv. Ġie unanimament deċiż li tintalab laqgħa ma' rappreżentanti ta' TM biex jigi stabbilit jekk jistax isir ipparkjar fi Triq l-Oratorju bejn St Michael Flats u l-Mahzen tal-armar. Ġie deċiż ukoll li isir rapport lir-Reġjun Tramuntana u lill-Pulizija dwar l-ipparkjar abbuziv fil-Pjazza u nitolbu li issir aktar solveljanza specjalment filghaxija.

**02/05/05** Il-Kunsillier Christopher Fenech talab sabiex linja bajda fi Triq San Ġwann issir linja safra. Ġie deċiż li ssir *site visit* mis-Sindku Giljan Aquilina u l-Kunsillier Christopher Fenech qabel tittiehed decizjoni.

**02/05/06** Il-Kunsillier Christopher Fenech talab biex tiġi estiża linja safra fi Triq Stiefnu Zerafa. Ġie deċiż li ssir *site visit* mis-Sindku Giljan Aquilina u l-Kunsillier Christopher Fenech qabel tittiehed decizjoni.

**02/05/07** Talba sabiex tigi irrangata bankina fi Triq Caravaggio. Ġie deċiż li ssir *site visit* mis-Sindku Giljan Aquilina u l-Kunsillier Christopher Fenech qabel tittiehed decizjoni.

**02/06** ***Korrispondenza***

**02/06/01** Il-Kunsill ġie nfurmat li waslu l-boroż il-griżi minghand il-Green MT u qed jitqassmu lir-residenti. Green MT kien talbu li jiltaqghu mal-Kunsill. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fil-25 ta' Mejju 2015 fil-5.00pm.

**02/06/02** Korripondenza minghand residenti li joqghod fi Triq il-Kbira fejn qed jallega li l-karrozzi qed jipparkjaw b'tali mod li ma jkunx jista jidhol id-dar. Ġie deċiż li għandha ssir site visit u jekk jirrizulta li din it-talba hi gustifikata isir *double yellow line* quddiem il-bieb tad-dar ta' dan ir-resident.

**02/06/03** Ġiet innutata skema speċjali għall-Kunsilli u d-djar tal-anzjani fejn gruppi ta' anzjani jinghataw rati speċjali meta jzuru ċ-ċinema. Il-Kunsillier Carl Grech innota din il-korrispondenza.

**02/06/04** Ġiet innutata korrispondenza dwar seminar li ser isir mill-MCA rigward *internet banking.*

**02/06/05** Ġew innutata korrispondenza mill-MEPA dwar permessi tal-bini.

**02/06/06** Is-Sindku informa li hu attenda laqgha li saret mill-WasteServ dwar l-immaniġġjar tal-iskart fit-28 ta' April 2015.

**02/06/07** Ġiet innutata Ċirkolari AGL 23/2015 rigward it-tqassim ta' tal-Linja Cards mill-Kunsilli Lokali.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**02/06/08** Ġiet innutata korrispondenza minghand id-DLG fejn gejna infurmati li l-Kunsill ser jinghata €3,000 sabiex tigi organizzata l-attivita' kulturali li ghaliha kienet saret applikazzjoni skont Memo 27/2014 għal Finanzjament għal Attivitajiet Kulturali. Gie unanimament deciz li nitlobu kjarifika dwar sa meta tista tigi organizzata din l-attivita' kif ukoll dwar l-*budget* għal din l-attività.

**02/06/09** Ġie innutat invit għal *Welcome Spring Festival* fil-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta fis-17 ta' Mejju 2015. Il-Kunsillier Carl Grech informa li l-ebda ghaqda mir-rahal ma uriet interess li tippartecipa.

**02/06/10** Giet ipprezentata stima minghand B. Grima & Sons Ltd sabiex tinxtara u tehel *traffic hump* fi Triq Naxxar u mera ghal Triq Sta Katerina. Ġie unanimament accettata din l-istima.

**02/06/11** Ġie innutat l-invit għal MeDIETeranea Food Festival mill-MAGF.

**02/06/12** Giet ipprezentata u accettata t-talba ta' €200 minghand l-iScouts Group tan-Naxxar sabiex jipparteċipaw fl-attivita' tat-tberik tal-annimali li ser issir fis-17 ta' Mejju 2015.

**02/06/13** Ġiet innutata korrispondenza minghand il-MEPA dwar il-bilanċ tal-UIF. Ġie unanimament deciz li dawn il-fondi jintuzaw sabiex isir *refurbishment* tal-Gnien ta' Zgharuna. Gie deciz ukoll li meta jintghazel perit sabiex joffri s-servizz lil-Kunsill dan jintalab jaghmel stima u *bill of quantities* tax-xoghol mehtieg kif ukoll pjanti halli tkun tista issir applikazzjoni lill-MEPA.

**02/06/14** Korripondenza minghand il-KMS fejn dawn qed jitolbu hlas ghall-korsijiet ta' tahrig li saru fil-2013. Din għandha tiġi vverifikata.

**02/06/15** Ġiet innutata Memo 10/2015 Skema għal Librerija. Ġie unanimament deċiż li ssir applikazzjoni sabiex jinxtraw b'kemm jiswew €500 kotba li minhom €250 jithallsu mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsillier Mark Azzopardi ser jiehu hsieb din l-inizjattiva.

**02/06/16** Ġiet innutata korrispondenza mis-Soċjetà Filarmonika San Bartilemew fejn awguraw il-Kunsill il-ġdid u nfurmawna bid-dati tal-attivitajiet li ser jorganizzaw huma.

**02/06/17** Ġie deċiż li s-Sindku Giljan Aquilina u l-Kunsillier Mark Azzopardi jattendu laqgħa mal-MEUSAC fid-29 ta' Mejju 2015.

**02/06/18** Giet innutata korripondenza minghand TM dwar Reserved Parking Bay fi Triq il-Gnien.

**02/06/19** Giet innutata korripondenza dwar il-Ftehim Kollettiv tal-haddiema klerikali tal-Kunsilli.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**02/06/20** Korripondenza minghand l-Ispettur tad-Distrett fejn din tat struzzjonijiet sabiex jitpoggew bollards tal-konkons halli jinghalaq l-access kemm ghall-vetturi kif ukoll bil-mixi ghall-Triq San Brinkat minhabba l-periklu li hemm peress li jista jaqa l-blat. Il-Kunsill ihoss li l-awtoritajiet ghandhom jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega u jnehhu l-periklu. Din it-triq hi wahda importanti minhabba l-access mir-rahal ghall-Maghtab. Il-Kunsill iddecieda li jikteb lil TM, lill-Pulizija u lid-Dipt tax-Xogholijiet f'dan is-sens kif ukoll jissuggerixxi li jitwahhlu tabelli fuq il-post li juru li jezisti l-periklu.

**02/06/21** Korrispondenza mid-DLG tfakkar li Kunsillieri li jahdmu fis-servizz civili ghandhom jithallew jitilqu minn fuq il-post tax-xoghol sabiex jattendu certi laqghat tal-Kunsill.

**02/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**02/07/01** Is-Sindku Giljan Aquilina nforma lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zghazuha infurmati li ma tistax tibqa isservi fil-kariga minħabba li hija okkupata bl-istudji u ser tagħlaq 18-il sena fi żmien qasir. Gie unanimament deciz li jinhargu avvizi halli min hu interessat li jservi f'din il-kariga japplika.

Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-ismijiet tal-persuni li gejjin sabiex iservu fuq is- Sotto Kumitat Żgħażagħ. Dawn huma: Antoine Debono, Jean Claude Spiteri, Owen Muscat, Glen Zarb, Jonathan Micallef, Ayrton Grech, Alberto Aquilina, Malcolm Aquilina, Thea Aquilina, Michelle Camilleri, Celine Dalli, Sarah Mifsud u Esther Aquilina. Dawn gew approvati unanimament.

**02/07/02** L-Agent SE informa dwar l-applikazzjonijiet għall-ingagg ta' skrivan/a *part-time*. Ġie deċiż li l-interviews isiru nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015. Dawn ser isiru mis-Sindku Giljan Aquilina u l-Kunsillier Carl Grech u l-Agent S.E.

**02/07/03** Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li propjetajiet devoluti lill-Kunsill jinkrew ghall-uzu mill-privat. Il-Kunsill ma qabilx li dan ghandu jsir u kull kaz ghandu jitqies separatament wara li jkunu nkisbu l-approvazzjonijiet mehtiega inklux dawk tal-Kummissarju tal-Artijiet.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**02/07/04** Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li hu ser jibda programm ta' tibdil ta' tabelli tat-traffiku. Hu intalab jipprezenta pjan ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Hu qal li qed jiddiskuti mal-ELC it-tisqija tas-sigar u xtieli fil-Ġnien tal-Ponta, Top of the World u Search Light Battery. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bzonn jinkera minghand il-privat dan is-servizz u ghalhekk l-Agent S.E. intalab jigbor stimi.

Il-Kunsillier Christopher Fenech nforma lill-Kunsill li l-ELC kienu allokaw ħaddiem ieħor (part time) għax-xogħol fil-Għargħur. Kien hemm qbil ukoll li tinxtara pompa tal-bexx li tiswa €38.

Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li ser jorganizza żjara għall-Parlament il-ġdid. Aktar dettalji jinghataw il-quddiem.

Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann li għandha ssir fis-26 ta' Ġunju 2015. Hu qed jitkellem mal-Kapillan u din ser tigi organizzata hdejn il-Madonna tal-Gebla l-Kbira. Aktar dettalji jinghataw il-quddiem.

**02/07/05** Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li ser jigu organizzati fl-okkazzjoni ta' Jum il-Għargħur 2015. Kien hemm qbil li din is-sena l-attivita; issir fil-Pjazza quddiem il-Knisja. Dan is-suggett ser jigi diskuss aktar fil-laqghat li gejjin.

**02/07/06** Il-Vici Sindku s-Sur Mario Gauci informa li hemm bzonn li jinhargu sejhiet ghas-servizz li jkopri l-knis u qtuh tal-haxix, ix-xiri ta' stationary, is-servizz ta' assigurazzjoni u s-servizz ta' perit. Gie deciz li jekk ikun hemm bzonn tintalba l-approvazzjoni tad-DLG sabiex il-kuntratti ezistenti jigu mgedda. L-Agent SE ser jiehu hsieb li jinhargu dawn is-sejhiet.

**02/07/07** Ġie deċiż li jigi iffurmat il-Kumitat tal-Finanzi li jkun compost mis-Sindku Giljan Aquilina, il-Viċi Sindku Mario Gauci, il-Kunsillier Carl Grech u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**02/08** **Aġġornament**

**02/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.20 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2015 fis-6:00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |